FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
A.MICALLEF TRIGONA LL.D.,MAG.JUR (EU LAW)

27 ta' Lulju 2017

Il-Pulizija
(Spettur Luke Bonello)

Vs

Brenton Mercieca

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 170791M akkuzat talli nhar l-20 ta' Mejju 2012 ghall-habta tat-03.30am gewwa l-istabbiliment Havana Flashback sitwat gewwa San Giljan:

1. minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Terence Corser f'periklu car, ikkagunalu hsara fil-gisem jew fis-sahha liema hsara hija ta' natura gravi;
2. talli fl-istess data, lok hin u cirkostanzi, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Patrick Caruana f'periklu car, ikkagunalu hsara fil-gisem jew fis-sahha liema hsara hija ta' natura hafifa;
3. fl-istess data, lok hin u cirkostanzi hebb kontra Terence Corser u Patrick Caruana, sabiex tingurjah iddejqu jew taghmillu hsara;
4. Il-Qorti mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lil hati bhala recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9;

Il-Qorti mitluba sabiex f'kaz ta' htija, flimkien jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, tipprovdi ghas-sigurta ta' Terence Corser u Patrick Caruana u/jew ta' persuni ohra, u/jew ghaz-zamma tal-ordni pubblika, u/jew ghall-iskop ta protezzjoni tal-persuni lezi u/jew individwi ohra minn fastidju w/jew imgieba ohra li tikkaguna biza ta' vjolenza, billi tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzati ai termini tal-Artikolu 412C tal Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Ai termini tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali l-imputat hu akkuzat li ikkaguna ferita gravissima (Artikolu 218 tal-Kap 9), oltre li ghamel offiza kontravenzjonali ta' hebb u li huwa recidiv. Intant, l-incident li ta lok ghall-akkuzi odjerni sehh fl-istabiliment 'Havana', f'Paceville, f'Mejju 2012, u l-griehi li allegatament sofriet il-parti civili kienu gew iccertifikati gravi. L-Avukat Generali Generali dehrlu li l-offizi kienu ta' natura gravissima fl-ambitu ta' l-Artikolu 218 tal-Kap 9.

Dwar l-incident li ikkawza l-griehi u li fih kien involut l-imputat jidher li kien xi argument li qam ma' xi persuna jew persuni ta' nazjonalita' barranija u li mihabba fih kellhom jintervjenu l-addetti tas-sigurta' tal-istabiliment. Il-parti leza hu proprju wiehed minn dawn l-addetti li kien sofra ferita lacero-kontusa taht ghajnu tax-xellug li kienet tehtieg l-applikazzjoni ta' tlett punti. Altrimenti, il-feriti hfief li talvolta setgha sofra certu Patrick Caruana gew rinunzjati mill-Avukat Generali.

Ikkonsidrat:

Dwar l-applikabilita' tal-artikolu 218 citat mill-Avukat Generali fir-rinviju ghall-gudizzju, dan jiddependi ghall-esistenza tieghu fuq jekk il-ferita: (a) tkun ikkagunat debulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem, jew tkun gabet diffett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem, jew marda permanenti tal-mohh; jew, jekk (b) tkun gabet sfregju gravi u permanenti fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn tal-offiiz. Minn verbal tal-31 ta' Mejju ta' dina s-sena l-Qorti ikkonstat 'icto occuli' li dan ma kienx il-kaz. Pero', hu, fil-fehma tal-Qorti applikabbli l-Artikolu 216 stante li l-ferita, kif verbalizzat fl-atti, circa hames snin wara l-incident kienet tidher anka jekk bil ftit. Fatt, dan, li ovvjament ghandu l-piz tieghu fil-piena f'kaz li l-Qorti ssib htija fl-imputat.

Dwar il-htija o meno tal-imputat, din il-Qorti tghid li l-akkuzi huma fil-konfront tal-imputat u hadd iehor. Igifieri, dato ma non koncesso, li l-imputat gie maltrattat mill-addetti tas-sigurta' kif minnu sostnut, dan mhux il-meritu tal-kawza. M'huwiex akkuzat taht l-Artikolu 95 jew 96. Fuq kollox l-addetti intervenew minhabba l-incident li kien inqala u li zgur ma kienx ipprovokat minnhom.

Mill-provi in atti l-Qorti m'ghandha ebda dubbju li l-ferita li biha jinsab akkuzat ghamilha hu permezz ta' tazza u ghaliha ser ikollu jirrispondi hu.

L-akkuza kontravenzjonali tinsab assorbita u fil-konfront tar-recidiva tonqos il-prova.

Taqta' u tiddecidi illi ssib l-imputat hati tal-ewwel akkuza. Rat l-Artikolu 216(b) tal-Kap 9.

Rat ir-rapport tal-Ufficjal tal-Probation.

Rat l-Artikolu 11 tal-Kap 446 u tikkundannah 40 siegha xoghol fil-kommunita.

Il-Qorti accertat li l-imputat ikkonsenta ghal dan.

A M Trigona
Magistrat